# MALTA

## QORTI CIVILI
## PRIM'AWLA

## ONOR. IMHALLEF
## SILVIO MELI

**LL.D.; Dip. Stud. Rel.; Dip. Can. Matr. Jur. & Proc.;**
**Cert. Jur. & H.R. (Strasbourg);**
**P.G. Dip. European Competition Law (King's College, London),**
**P.G. Dip. European Law (King's College, London).**

**Illum it-8 ta' Novembru, 2017.**

**Rikors Numru 381/2017**

**Bank of Valletta p.l.c.**
**(C-2833)**

**vs.**

**Mark Vassallo**
**(K.I. numru 484961 (M))**

Il-Qorti,

1.0. Rat ir-rikors guramentat promotur fuq indikat datat is-27 t'April, 2017, li permezz tieghu s-socjeta` rikorrenti, tramite r-rapprezentant taghha hemm indikata, sintetikament esponiet is-segwenti, (ara foll 1):

1.1. Illi kkoncediet facilitajiet bankarji lill-intimat tramite zewg atti notarili rispettivament datati d-29 t'Ottubru, 2004, *in atti* tan-Nutar Dottor Bartolomeo Micallef, (ara foll 5), u s-26 ta' Frar, 2007, in atti tan-Nutar Dottor Robert Aquilina, (ara foll 19);

1.2. Illi l-intimat ghandu jaghti l-ammont ta' mitejn u hmistax- il elf, mitejn u tmintax- il euro, u wiehed u ghoxrin centezmu, (€215,218.21), bilanc ghall-"*Loan Accounts*" *de quo*, (ara foll 28 sa 38), oltre mall-imghax ulterjuri mid-9 ta' Jannar, 2017, sal-effettiv pagament;

1.3. Illi sehhew wahda jew aktar mill-grajjiet elenkati fil-kuntratti fuq indikati;

1.4. Illi ghalkemm debitament interpellat permezz t'ittra ufficjali appozita biex ihallas l-ammont minnu dovut, l-intimat baqa' inadempjenti, (ara foll 40);

1.5. Illi ghalhekk kienet kostretta tadixxi din il-qorti biex l-intimat ikollu l-opportunita` jghid ghaliex din il-qorti m'ghandiex:

1.5.1. Tiddikjara li sehhew wahda jew aktar mill-grajjiet imsemmija fil-kuntratti fuq indikati;

1.5.2. Tikkundanna lill-intimat ihallas lis-socjeta` rikorrenti s-somma ta' €215,218.21 bilanc ghad-debitu fil-"*Loan Accounts*" tieghu, flimkien mal-imghax ulterjuri mid-9 ta' Jannar, 2017, sad-data tal-pagament effettiv;

1.5.3. Bl-ispejjez kif dedotti fl-istess rikors guramentat promotur;

2. Rat id-digriet taghha datat it-3 ta' Mejju, 2017, li permezz tieghu appuntat l-istess rikors guramentat promotur ghas-smigh fl-udjenza hemm indikata, (ara foll 42);

3. Rat in-nota datata d-29 ta' Gunju, 2017, li permezz taghha l-intimat **ammetta** t-talbiet tas-socjeta` rikorrenti kif dedotti fir-rikors guramentat promotur, (ara foll 54);

4.0. Illi in vista tal-ammissjoni tal-intimat din il-qorti tqis li s-socjeta` rikorrenti pprovat il-kaz taghha skont il-ligi, u konsegwentement:

**DECIDE:**

4.1. Takkolji t-talbiet kollha tas-socjeta` rikorrenti;

4.2. Tiddikjara li sehhew wahda jew aktar mill-grajjiet imsemmija fil-kuntratti fuq indikati;

4.3. Tikkundanna lill-intimat biex ihallas lis-socjeta` rikorrenti s-somma ta' €215,218.21 bilanc ghad-debitu fil-"*Loan Accounts*" in dizamina, flimkien mal-imghax ulterjuri mid-9 ta' Jannar, 2017, sad-data tal-pagament effettiv;

4.4. Bl-ispejjez, komprizi dawk tal-ittra ufficjali datata l-5 ta' Mejju, 2016, u tal-mandat ta' sekwestru imsemmijin fl-istess rikors guramentat promotur, kontra l-intimat.

____________________________

Onor. Imhallef Silvio Meli

**DECIZJONI FINALI**